32005D0264

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-23 ta' Marzu 2005

li temenda d-Deċiżjoni 2004/832/KE fir-rigward tal-pjan ta' qerda u tilqim ta' emerġenza għall-ħnieżer slavaġ kontra d-deni klassiku tal-ħnieżer fil-Vosges tat-Tramuntana fi Franza

(innotifikata taħt in-numru tad-dokument C(2005) 917)

(It-test Franċiż biss hu awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2005/264/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2001/89/KE tat-23 ta' Ottubru 2001 dwar il-miżuri Komunitarji għall-kontroll tad-deni klassiku tal-ħnieżer [1], u b'mod partikolari it-tieni sub-paragrafu ta' l-Artikolu 16(1) u r-raba' sub-paragrafu ta' l-Artikolu 20(2) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/832/KE tat-3 ta' Diċembru 2004 li tapprova l-pjanijiet għall-qerda tad-deni klassiku tal-ħnieżer fil-ħnieżer slavaġ u t-tilqim ta' emerġenza għal dawn il-ħnieżer fil-Vosges tat-Tramuntana, fi Franza [2], ġiet adottata bħala waħda mill-miżuri fil-ġlieda kontra d-deni klassiku tal-ħnieżer.

(2) Franza għarrfet lill-Kummissjoni bl-evoluzzjoni ta' dan l-aħħar ta' dik il-marda fil-ħnieżer slavaġ fiż-żona tal-Vosges tat-Tramuntana fi Franza. Fid-dawl ta' din l-informazzjoni epidemjoloġika, il-pjan ta' qerda għandu jiġi estiż għaż-żona tal-Vosges tat-Tramuntana li tinsab fil-Punent tar-Rhine u l-kanal Rhine Marne, fit-Tramuntana tal-*motorway* A 4, fil-Lvant tax-xmara Sarre u fin-Nofsinhar tal-fruntiera mal-Ġermanja. Barra minn hekk, il-pjan ta' tilqim ta' emerġenza għall-ħnieżer slavaġ kontra d-deni klassiku tal-ħnieżer għandu jkun emendat biex ikopri dik iż-żona.

(3) Id-Deċiżjoni 2004/832/KE għandha għalhekk tiġi emendata kif suppost.

(4) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma fi qbil ma' l-Opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness għad-Deċiżjoni 2004/832/KE qed jinbidel bit-test ta' l-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Franċiża.

Magħmula fi Brussell, fit-23 ta' Marzu 2005.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 316, ta, l-1.12.2001, p. 5, Direttiva kif emendata bl-Att ta' Adeżjoni ta' l-2003.

[2] ĠU L 359, ta' l-4.12.2004, p. 62.

ANNESS

"ANNESS

1. **Żoni fejn il-pjan ta' qerda għandu jkun implimentat**

It-territorju tad-Dipartiment ta' Bas-Rhin u l-Moselle misjub fil-Punent tar-Rhine u l-kanal Rhine Marne, fit-Tramuntana tal-*motorway* A 4, fil-Lvant tax-xmara Sarre u fin-nofsinhar tal-fruntiera mal-Ġermanja.

2. **Żoni fejn il-pjan ta' tilqim ta' emerġenza għandu jkun implimentat**

It-territorju tad-Dipartiment ta' Bas-Rhin u l-Moselle misjub fil-Punent tar-Rhine u l-kanal Rhine Marne, fit-Tramuntana tal-*motorway* A 4, fil-Lvant tax-xmara Sarre u fin-nofsinhar tal-fruntiera mal-Ġermanja."